QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

MAĠISTRAT

DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru: 257/2022 RM**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**-Vs-**

**ANTHONY SPITERI**

**CARMEN SPITERI**

**Illum, 24 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **ANTHONY SPITERI**, iben Anthony u Tereza nee Farrugia, imweled Pieta' nhar il-31 ta' Ottubru 1973 u residenti ġewwa 18, 'Thanks God Court', Flat 3, Triq Ġuże Muscat Azzopardi, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14474M, u **CARMEN SPITERI** bint Louis u Maria Grazia nee Said, imwielda Pieta' nhar il-10 ta' Settembru 1971, residenti ġewwa 18, 'Thanks God Court', Flat 3, Triq Ġuże Muscat Azzopardi, Qormi u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 07071M, li ġew akkużati talli nhar il-25 ta' Diċembru 2020 għall-ħabta tal-11 :00 ta' filgħdou, ġewwa Armier fil-limiti tal-Mellieħa :-

Mingħajr il-ħsieb li toqtlu jew li tqiegħdu l-ħajja f'perikolu ċar, ikkaġunajtu lil Richard Ghirxi ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi, bi ksur tal-Artikoli 216, 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-kwiet b'mod mhux imsemmi bnad'oħra fil-Kodiċi Kriminali, bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmija Richard Ghirxi u l-familjari tiegħu u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u toħroġ Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami jwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat illi Richard Ghirxi ġie ammess bħala l-parti offiża f'dawn il-proċeduri għall-finijiet tal-Artiklu 410(5) tal-Kap. 9, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2022;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-13 ta' April 2023 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe`:

1. Fl-artikoli 214, 215, u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputati waqt l-udjenza tas-17 ta' April 2023 jiddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tal-abbli difensur tal-imputata fis-seduta tal-24 ta' April 2024;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi fil-konfront tal-imputati konjuġi Spiteri nibtu minn ġlieda li seħħet f'jum il-Milied ġewwa l-Armier, bejn l-imputat Anthony Spiteri u l-parti offiża Richard Ghirxi. Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-imputati u Richard Ghirxi huma ġirien fl-Armier fejn għandhom kamra ossia boathouse faċċata ta' xulxin li jużaw għall-villeġġjatura. Ħu l-parti offiża, Marvin Ghirxi, ukoll għandu kamra biswit il-kamra tal-imputati. Il-Qorti fehmet illi dan l-argoment nibet minħabba retroxxena ta' frizzjoni li jidher li kien hemm l-imputati, fuq naħa waħda, u l-familja ta' Richard Ghirxi fuq in-naħa l-oħra, minħabba allegazzjonijiet li Richard Ghirxi kien qed iħammeġ it-triq barra l-kamra tiegħu. Jidher li kien ukoll xi diffikoltajiet minħabba t-twaħħil ta' CCTV cameras fuq il-faċċata tal-kamra tal-istess parti offiża, liema cameras jidher li ffastidjaw xi ġirien fl-akkwati.

Jirriżulta li d-diżgwid li żvolġa fil-ġlieda mertu tal-akkużi sponta mill-fatt speċifiku illi l-parti offiża kien qed jagħmel xi xogħolijiet fil-kamra tiegħu u kien qiegħed, allegatament, jitfa' l-ilma bil-kolla jew tajn barra fit-triq quddiem il-kamra tal-imputati. Dan id-diżgwid laħaq il-qofol tiegħu fil-ġurnata tal-ġlieda li fiha intervjenew ġirien oħrajn tal-akkwati.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia *a link of causation* fil-każ ta' kull reat addebitat lill-imputat, bejn l-istess imputat u l-event

kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dak l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk.

Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tissawwar f'moħħ il-ġudikant, ċertezza assoluta, u dan għaliex ftit li xejn jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali li qorti ta' ġustizzja kriminali tkun konvinta bil-ħtija tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Jinkombi għalhekk lill-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet fejn il-fatti li joħorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li jagħtu verżjonijiet kontradittorji, u sabiex tiddetermina jekk il-livell probatorju meħtieġ ikunx intlaħaq fil-kaz partikolari, il-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji msemmija fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija fl-artikolu 633 u l-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi ohra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali,

jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

In materja ngħad illi:-

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[1]

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[2], mhux kull konflitt fil-provi għandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[3] ġie ritenut li:

---

[1] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.
[2] Deciza 9.7.2003.
[3] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

"*Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.*"

F'każ ta' kunflitt ta' provi konfliġġenti, huwa assodat illi l-ġudikant jista' jagħżel verżjoni waħda minn dawk opposti u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tara lil min temmen u ma temminx meta hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kunfliġġenti.

Hawnhekk il-Qorti tirribadixxi dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**:-

"*Meta gudikant ikun rinfaccjat b'żewġ versjonijiet konfliggenti (bhalma hemm f'dan il-każ) jistghu jigru żewġ affarijiet: jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement pruvat, u allura ghandu jillibera; jew, jekk ikun moralment konvint li l-versjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-versjoni li jaccetta, u, jekk dik il-versjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi għall-piena ...*"[4]

Ikkunsidrat;

Illi peress li f'dan il-każ huwa ovvju li l-partijiet jagħtu verżjonijiet kuntradittorji dwar il-fatti li seħħew u li wasslu għall-akkużi odjerni, il-Qorti sejra tirriproduċi s-sostanza tax-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda li xehdu quddiemha għaliex tqis illi d-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputati tistrieħ fuq evalwazzjoni tal-kredibbilita' tax-xhieda u l-verżjonijiet rispettivi tagħhom.

---

[4] Appell Kriminali deciz 9.9.2002. Ukoll, fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, ġie ritenut:- "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

**Richard Ghirxi, il-parti offiża**, xehed illi fil-25 ta' Diċembru 2020 kien qed jagħmel xogħol ta' manutenzjoni inkluż twaħħil ta' madum fil-kamra tiegħu fl-Armier, u għall-ħabta tal-11.00 a.m., hekk kif ħareġ fid-*drive-way* quddiem il-garaxx tiegħu biex inaddaf il-barmil li kien qed juża għax-xogħol, ħareġ l-imputat Anthony Spiteri li għandu l-kamra ta' faċċata. Spiteri beda jgħidlu bl-għajjar li kien tajjar il-kolla tal-madum fuq il-faċċata tal-kamra tiegħu u beda wkoll jinsulentah u jgħajjru li hu maħmuġ u uża kliem oxxen fil-konfront tiegħu personali u fil-konfront tal-familja tiegħu. Għalhekk, huwa qasam it-triq biex imur jara dan l-allegt tiċpis iżda kif resaq iktar viċin, ma ra ebda titjir ta' kolla u lill-imputat qallu li qed jigdeb. Stqarrrr li hawnhekk beda jgħolli leħnu ftit. Dak il-ħin mill-kamra tagħhom ħarġet mart Anthony Spiteri, l-imputata Carmen Spiteri, u qaltlu li l-kamra tagħhom kienet kollha titjir. Richard Ghirxi ċaħad li kien qasam it-triq għall-ġlied u ċaħad ukoll li l-imputata ħarġet mill-kamra għaliex kien qed jgħajjat u li bdiet tgħidlu "*biżżejjed, biżżejjed*". Xehed illi Anthony Spiteri qallu li kellu wkoll ritratti tat-titjir tal-kolla tal-madum iżda meta wieġbu biex jurih dawn ir-ritratti, Carmen Spiteri ħarġet minn warajh u tatu daqqa ta' ħarta ġo wiċċu.

Kif ġara dan, huwa ddeċieda li jerġa' jaqsam faċċata u mar quddiem il-bieb tal-garaxx tiegħu biex ma jibqgħux sejrin biha, iżda reġgħu bdew jgħajjruh u għalhekk reġa' mar biex jara għaliex l-imputat kienu ser jibqgħu jgħajjruh meta ma kienx hemm tiċpis mal-kamra tagħhom. Iżda dak il-ħin, Anthony Spiteri imbottah u tah daqqa ta' ponn fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċu, fejn hemmhekk huwa imbottah lura biex jipprova jiddefendi ruħu iżda Anthony Spiteri irnexxielu jaqbdu b'idejh u beda jissikkah. X'ħin beda jipprova jillibera ruħu, l-imputat beda jħabbtu 'l hawn u 'l hemm u spiċċa ħabat rasu mal-kolonna tal-briks tal-konkos li hemm faċċata tal-kamra tal-imputati. Innega li kien hu li ta l-ewwel daqqa ta' ponn u insista li ma setax ma jagħtix daqqiet lura lill-imputat waqt il-ġlieda biex jipprova jiddifendi ruħu. Imbagħad l-imputat dawru fuq grada tal-ħadid li hemm ħdejn il-kolonna u żammu f'*headlock* u kif kien qiegħed wiċċu 'l isfel u dahru 'l fuq, ħass daqqa kbira ġo dahru, in-naħa t'isfel. Għalkemm ma setax jara min tah id-daqqa, dak il-ħin ġie wieħed mill-ġirien, ċertu Marlon, u ferraqhom u hemmhekk, kif ma baqax iktar miżmum mill-imputat u seta'

jara x'kien qed jiġri madwaru, huwa ra lill-mara ta' Marlon b'kanna tonda u twila tal-ħadid f'idejha, kulur il-galvanizzar, u raha tagħti din il-ħadida lit-tifla tagħhom li marret tpoġġi l-ħadida fil-kamra ta' Marlon[5]. Kif Marlon ferraq il-ġlieda, huwa mar fil-kamra tiegħu fejn hemmhekk martu qaltlu li kienet l-imputata Carmen Spiteri li tatu d-daqqa f'daharu, u dan b'kanna tal-ħadid.

Richard Ghirxi xehed ukoll illi l-imputat Anthony Spiteri kien ċempel lill-Pulizija li ġew fuq il-post. Minn hemmhekk, huwa mar il-Polyclinic tal-Mosta għaliex kellu daqqiet fuq rasu u grif f'wiċċu, fejn ġie ċertifikat li sofra ġrieħi gravi. Ikkonferma wkoll illi l-camera li kellu fuq il-faċċata tal-kamra tiegħu li kienet fil-pożizzjoni indikata b'ċirku fuq ir-ritratt Dok. GDM1, ma kienetx qiegħda tiffunzjona dakinhar tal-inċident u b'dan kien għarraf lill-Pulizija li kienu ġew fuq il-post biex jinvestigaw ir-rapport.

**Bernice Pizzuto**, is-sieħba ta' Richard Ghirxi, xehdet illi hija kienet ġewwa fil-kamra waqt li Richard kien fil-garaxx qed iħallat it-taħlita biex iwaħħal il-madum. Semgħet leħen l-imputat Anthony Spiteri jgħajjat u għalhekk ħarġet fil-parapett fejn rat lil żewġha kien għadu fil-bieb tal-garaxx, u Anthony Spiteri quddiem il-kamra tiegħu li tiġi faċċata bit-triq bejniethom. Hu kien qed joffendi lil żewġha għaliex kien qed jitfagħlu l-ħmieġ fuq il-faċċata u beda jgħajjru maħmuġ, bla bajd. Anthony Spiteri baqa' jgħajjat u jirripeti l-istess diskors tant illi dak il-ħin bl-għajjat ħarġu xi ġirien jittawlu. Richard mar ħdejn Anthony Spiteri li kien fin-nofs tat-triq, biex jara fejn hu l-ħmieġ u biex ma jkunx hemm iktar għajjat. Imbagħad l-imputat beda jgħidlu li għandu ritratti bħala prova u jista' jurihomlu, u Richard reġa' qasam it-triq. Xehdet li dak il-ħin Richard kien qed jitkellem ħazin għaliex kien qed jirrispondi lill-imputat li kien qed jgħajjru u għalhekk beda wkoll jgħajru bl-istess mod. Kif Richard qasam it-triq biex jerġa' jmur lejn il-kamra tal-imputat, ħarġet Carmen Spiteri mill-kamra tagħhom u bdiet tgħajjat u Richard reġa' mar lura ħdejn il-garaxx, iżda baqgħet tgħajjat filwaqt li Anthony Sptieri beda jgidlu li għandu ritratti tal-ħmieġ mal-faċċata u beda jgħajru u jisfidah biex imur jara r-ritratti. Meta Richard reġa' qasam it-triq biex

[5] It-tifla tidher fil-filmat Dok. GS1, nieżla fit-triq iżżomm xi ħaġa tawwalija f'idejha.

jara dawn ir-ritratti, Carmen Spiteri tatu daqqa ta' ħarta f'wiċċu, f'liema hi ddeċidiet li toħroġ mill-parapett u marret tkellem lil Carmen Spiteri biex bil-kwiet biex tgħidilha li ma kellhiex għalfejn tgħolli idejha għal ebda raġuni, u aħjar jitkellmu bil-kwiet.

Iżda sakemm qiegħda tkellem lil Carmen Spiteri, rat lill-imputat Anthony Spiteri itella' jdejh, jagħmilhom ma' wiċċ Richard u jimbottah lura. Richard waqa' mal-art u kif qam, l-imputat qabdu f'*headlock* u beda jtih bil-ponn ġo rasu u baqa' jtih sakemm qabdu u sabbtu fuq il-grada tal-ħadid. Hemmhekk, hi ppruvat tiġbed lil Richard mill-flokk biex tipprova taqlagħhom minn ma' xulxin.

Bernice Pizzuto xehdet ukoll illi sadanittant, semgħet lil Carmen Spiteri tgħid lit-tifla Kelsey "*idħol u ġibli l-ħadida*". Iżda t-tifla ma marritx u f'ħin minnhom rat lil Carmen idaħħal idejha wara l-bieb tagħhom u ħarġet kanna tal-ħadid. Din il-ħadida kellha ħolqa tal-ħabel fit-tarf. Carmen Spiteri qabdet u bdiet tagħti lil Richard bil-ħadida u tatu mill-inqas tliet daqqiet fin-nofs u lejn in-naħa t'isfel ta' dahru. Waqt li Carmen Spiteri kienet qed ittih bil-ħadida, hija rat li żewġha kien qed jinżamm f'*headlock* mill-imputat Anthony Spiteri li kien qed itih bil-ponn ġo rasu ħdejn il-grada.

Bernice Pizzuto sostniet ukoll fix-xhieda tagħha illi hekk kif Carmen Spiteri waqfet biex tara fejn ħa tkompli tagħti lil Richard bil-ħadida, hija ħatfithielha minn idejha u qaltilha: "*Mela qed tiġġennen*". Sadanittant, tela' Marlon, wieħed mill-ġirien, u mar iferraq lill-imputat u lil Richard minn ma' xulxin, filwaqt li l-mara ta' Marlon ħaditilha l-ħadida minn idejha u qaltilha "*x'ser tagħmel biha imbierka?*". Hi weġbitha li kienet ħaditha minn idejn Carmen Spiteri għaliex bdiet tagħti lil Richard biha. Din il-mara mbagħad tat il-ħadida lit-tifla tagħhom u t-tifla niżlet tiġri biha ġol-kamra. Sadanittant, Marlon irnexxielu jifred lill-imputat minn ma' żewġha, u Richard daħal fil-kamra. Waqt li Anthony Spiteri kien dieħel fil-kamra tiegħu, hi semgħetu jġġid lil żewġha li ser ipattihielu, filwaqt li Carmen Spiteri baqgħet tgħajjat u toffendihom li huma maħmuġin. Stqarret li dak il-ħin kienet rat xi dmija fuq xofftejn Anthony Spitei.

Bernice Pizzuto xehdet ukoll li żewġha kellu ħafna tbenġil ma' dahru u l-marka tal-ħadida kienet tidher f'dahru wkoll, u kellu wkoll daqqiet f'wiċċu.

**Chantal Mifsud**, xhud okulari u waħda mill-ġirien tal-partijiet fl-Armier, xehdet illi fil-25 ta' Diċembru 2020 semgħet l-istorbju u marret ma' żewġha Marlon biex tara x'qed jiġri. Żewġha qabad l-irġiel li kienu f'dagħdigħa qed jiġġieldu, filwaqt li hi qabdet lill-mara li kellha ħadida f'idejha, liema ħadida kienet mgħollija qiesha ser tagħti biha lill-mara ta' Anthony Spiteri li kienet quddiemha, u ħatfet din il-ħadida minn wara. Ikkonfermat li ma ratx lil din il-mara tagħti lil xi ħadd bil-ħadida iżda tatha lit-tifla tagħha li kienet warajha u qaltilha biex tmur tarmiha biex ma jweġġa' ħadd biha. Imbagħad marret tgħin lir-raġel tagħha billi qabbdet lir-raġel bit-toppu filwaqt li r-ragel tagħha beda jżomm lill-imputat Anthony Spiteri. Xehdet ukoll li fil-ġlieda kien hemm żewġ irġiel u żewġ nisa involuti iżda n-nisa waqqfu hekk kif hi ħadet il-ħadida.

Chantal Mifsud xehdet illi ilha taf lill-imputat Anthony Spiteri minn tfulitha u trabbew flimkien l-Armier filwaqt li lir-raġel l-ieħor kien l-aħħar wieħed li xtara kamra fl-Armier u jiġġieled ma' kulħadd.

**Marlon Mifsud** xehed li huwa kien qiegħed il-kamra l-Armier u sema' l-għajjat. Meta ħareġ sab lill-imputat Anthony Spiteri u lil Richard Ghirxi qed jiġġieldu u jitgħarju, u ra lill-mara ta' Richard bil-ħadida f'idha qed iżżommha 'l fuq. Ra wkoll lil martu Chantal tiġri biex terħi din il-ħadida minn idejn il-mara, filwaqt li hu mar biex jidħol fin-nofs bejn iż-żewġ irġiel li kienu mqabbdin ma' xulxin, biex iferraqhom. Ma ra lil ħadd jagħti b'dik il-ħadida. Dak il-ħin ra ftit tad-demm f'ħalq l-imputat Anthony Spiteri iżda ma ra ebda ferita fuq Richard, lanqas fuq moħħu. Kif firdihom ma baqgħux jagħtu u marru fil-kmamar rispettivi tagħhom. Madankollu, jiftakar lil Richard Ghirxi jgħid lill-imputat li għandu l-cameras u kien ser iġib il-filmat ta' dak li kien ġara.

Xehed ukoll illi meta Richard Ghirxi ġie joqgħod l-Armier, telqu żewġ familji minn hemmhekk minħabba fih, għaliex jaqla' ħafna inkwiet u problemi bil-ħmieġ barra, cameras kullimkien fit-triq u dejjem "*kollu paroli u tpatpit*". Iżda, insista li huwa qatt ma kellu xi jgħid miegħu għalkemm din ma kienetx l-ewwel darba li ra lil Richard Ghirxi u lill-imputat jilletikaw bejniethom.

**L-imputata Carmen Spiteri** irrilaxxat stqarrija lill-Pulizija meta ġiet interrogata fil-5 ta' Jannar 2021, wara li rrinunzjat għad-dritt ta' aċċess għal avukat u wara li ngħatat id-drittijiet legali meħtieġa. Hija stqarret li żewġha Anthony Spiteri u Richard Ghirxi kienu bdew jiġġieldu wara li kellhom argoment minħabba l-ħmieġ li kien qed jarmi barra fit-triq l-istess Richard Ghirxi. Qalet li dak il-ħin li nqalgħet il-ġlieda, kien hemm preżenti biss hi u żewġha u Richard Ghirxi u l-mara tiegħu, iżda ċaħdet li hi kienet daħlet f'nofshom waqt li kienu qed jiġġieldu. Qalet li żewġha kien sofra xi ġrieħi waqt din il-ġlieda iżda għażlet li ma twieġeb għal ebda domanda oħra li saritilha in konnessjoni mal-ġlieda u r-rwol tagħha f'din it-taqtigħa. Għażlet ukoll li ma tixhidx quddiem il-Qorti kif del resto kellha kull dritt tagħmel.

**Anthony Spiteri, il-ko-imputat**, ukoll għażel li jipprevalixxi ruħu mid-dritt tiegħu li jżomm is-silenzju matul l-interrogazzjoni iżda imbagħad, xehed quddiem il-Qorti, fejn qal illi huwa ħareġ barra mill-kamra għall-ħabta tal-11.30 a.m u ra lil Richard Ghirxi jaħsel barmil bil-kazzola u kien ser jitfgħu f'nofs it-triq. Huwa qallu biex ma jagħmilx hekk għaliex diġa' ħmistax qabel kien mela t-triq kollha tajn u kolla, inkluż il-faċċata tal-kamra tiegħu. Richard Ghirxi wieġbu li ħadd ma jgħidlu x'jagħmel u beda joffendih bil-qraba l-mejtin tiegħu meta kien jaf li missieru kien għadu jmut erba' xhur qabel. Imbagħad ġie jaqasam it-triq jiġri, bil-kazzola f'idu ma' wiċċu, u kompla joffendih. Hu qallu biex jaqtagħha u biex jersaq lura, u f'ħin minnhom Richard qallu li ser jitfagħlu iktar ħmieġ. Anthony Spiteri stqarr illi hu offendih lura ukoll, iżda darba biss. Imbagħad Richard telaq 'l hemm lejn il-kamra tiegħu u baqa' joffendih u reġa' ġie għalih bil-ġirja biex jiġġieldu bil-kazzola ma' wiċċu, iżda huwa ma rrejaġixxix. Richard reġa' telaq u mbagħad reġa' ġie t-tielet darba, bil-kazzola ma' wiċċu u sfidah għall-ġlied. Sadanittant, ħarġu l-mara tiegħu Carrmen Spitei, kif ukoll

it-tifla tagħhom, mill-kamra u kienu warajh bit-tifla twerżaq u tibki u l-mara semagħha titkellem mal-mara ta' Richard. Dak il-ħin Richard tah daqqa b'idu u tajjarlu b-nuċċali minn wiċċu u qabdu wkoll mill-kullar tal-għonq u beda jagħtih. Hu ipprova jimbottah biex jaqilgħu iżda Richard laqtu bil-ponn ġo ħalqu u bdew jagħtu. Il-mara ta' Richard bdiet iżżommu minn wara biex ma jkunx jista' jiċċaqlaq u biex ikompli jaqla'. Imbagħad tfixklu f'saqajhom u waqgħu fuq grada fejn il-kamra tiegħu u dak il-ħin ġew iferrquhom Marlon Mifsud u martu Chantal Mifsud, ġirien tagħhom.

Anthony Spiteri xehed ukoll illi ma kienx ra x'ġara bejn il-mara tiegħu u l-mara ta' Richard Ghirxi u ma rax li xi ħadd ieħor kien ta jew qala' daqqiet waqt it-taqbida. Lanqas ra xi ħadida f'xi waqt matul il-ġlieda, iżda ammetta li kellu ħadida li kien iżommha ġewwa wara l-bieb tal-kamra tiegħu, liema ħadida kien jużaha missieru. Ma kienx sema' lil martu tordna lit-tifla tagħhom biex iġġib il-ħadida, u ma jafx jekk il-mara marritx iġġib il-ħadida hi stess. Għalkemm ra l-ħadida f'idejn it-tifla ta' Marlon fil-filmat, ma jafx għaliex din kienet f'idha, iżda għaraf il-ħadida bħala dik li kellu fil-kamra li kien jużaha missieru. Anthony Spiteri xehed ukoll illi meta daħal lura fil-kamra tiegħu, din il-ħadida ma kienetx għadha hemmhekk u qatt ma ġiet lura għandu iżda ma kienx staqsa lil Marlon biex jagħtihielu lura, għalkemm kienet xi ħaġa li kienet ta' missieru. Fil-fatt kienu qalulu li remewha.

Anthony Spiteri stqarr illi ma jafx fejn seta' laqat lil Richard waqt il-ġlieda iżda forsi kien laqtu f'wiċċu bil-ponn jew f'sidru, fejn seta' jilħaq. Filwaqt li hu spiċċa bid-demm ġo ħalqu, ċaħad li kien ra li Richard bid-demm jew dmija. Meta ġew il-Pulizija huwa kien talabhom jiġbru l-filmati miż-żewġ cameras fuq il-faċċata tal-kamra ta' Richard, iżda ma jafx jekk kienux jaħdmu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi mhux kontestat illi seħħet ġlieda bejn l-imputat Anthony Spiteri u l-parti offiża Richard Ghirxi. Jirriżulta wkoll li l-parti offiża sofra feriti b'riżultat ta' din it-taqbida, inkluż fuq wiċċu u fuq daharu.

**Offiżi fuq dahar il-parti offiża**

Skont kif jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Jekaterina Juskevic u ċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnha, esebit fl-atti proċesswali, Richard Ghirxi ġarrab feriti superfiċjali fil-parti t'isfel ta' daharu.

Mix-xhieda ta' Bernice Pizzuto jirriżulta li Richard Ghirxi qala' daqqiet b'ħadida li bdiet tagħtih biha l-imputata Carmen Spiteri u dan waqt li Richard Ghirxi kien qed jaqla' f'rasu u jinżamm issikkat rasu 'l isfel mill-imputat Anthony Spiteri. Huwa stabbilit ukoll mix-xhieda ta' Bernice Pizzuto, li kienet preżenti waqt din il-ġlieda, illi l-imputata Carmen Spiteri daħħlet idejha wara l-bieb tagħhom u ħarġet kanna tal-ħadid li bdiet tagħti biha fuq dahar Richard Ghirxi.

Il-ħadida li allegatament intużat fid-daqqa li qala' f'dahru l-parti offiża, qatt ma nstabet u ma ġietx esebita bħala prova fil-proċess. Kif xehed PS 1462 Joseph Attard minkejja li l-Pulizija li kienu rapportaw fuq il-post wara l-ġlieda kienu għamlu tfittxija għal din il-ħadida, din baqgħet ma nstabitx. Madanakollu, il-preżenza ta' kanna tal-ħadid fuq ix-xena tal-ġlieda mhuwiex fatt ikkontestat u f'kull każ, dan hu stabbilit inkonfutabbilment mix-xhieda mhux biss tal-parti offiża nnifsu, li xehed illi wara li qala' daqqa f'daharu b'oġġett iebes, ra ħadida f'idejn il-mara ta' Marlon Mifsud[6], iżda wkoll mix-xhieda ta' (ii) Bernice Pizzuto li xehdet illi ħatfet minn idejn Carmen Spiteri l-kanna tal-ħadid li kienet qed tagħti biha lil Richard Ghirxi, (ii) Marlon Mifsud, li xehed illi ra ħadida f'idejn il-mara ta' Richard Ghirxi, kif ukoll (iii) Chantal Mifsud li xehdet illi ħatfet il-kanna tal-ħadid minn idejn mart Richard Ghirxi u tatha lil bintha biex tneħħiha minn fuq il-post. Din il-kanna tal-ħadid tassew tidher f'idejn it-tifla, identifikata bħala t-tifla ta' Marlon Mifsud, li tidher nieżla fit-triq fil-filmat Dok. GS1.

[6] Chantal Mifsud.

Stabbilit illi l-kanna tal-ħadid kienet preżenti fuq ix-xena tal-ġlieda, il-Qorti tosserva illi x-xhieda ta' Bernice Pizzuto li hija rat lil Carmen Spiteri ddaħħal idejha wara l-bieb tal-kamra tagħhom u toħroġ ħadida u bdiet tagħti biha lill-parti offiża, hi sostanzjata mix-xhieda tal-imputat Anthony Spiteri nnifsu. Għalkemm fix-xhieda tiegħu huwa sostna li ma kienx ra ħadida u ma ra lil ħadd jagħti lill-parti offiża b'ħadida fuq dahru, ikkonferma bla tlaqliq illi tassew kien iżomm kanna tal-ħadid wara l-bieb tal-kamra tiegħu u wara l-ġlieda, ra li din il-ħadida ma kienetx għadha f'postha u ma jafx fejn spiċċat. Din l-affermazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, tagħti fejda sħiħa lill-verżjoni ta' Bernice Pizzuto illi din il-kanna tal-ħadid inġiebet mill-imputata Carmen Spiteri meta daħħlet idejha wara l-bieb tal-kamra tagħhom, u użatha biex issawwat biha lill-parti offiża fuq daharu. Il-Qorti tqis ukoll illi l-verżjoni ta' Bernice Pizzuto li l-imputata Carmen Spiteri tat lil Richard Ghirxi bil-ħadida fuq dahru, minn wara, waqt li kien maqbud f'*headlock* u kien qed jaqla' daqqiet mingħand il-ko-imputat l-ieħor, hija verosimili, għaliex il-fatt innifsu li Richard Ghirxi xehed li ra l-ħadida biss meta din spiċċat f'idejn Chantal Mifsud u f'ebda waqt qabel matul il-ġlieda, ifisser li ma setax jara l-ħadida tassew għaliex meta qala' d-daqqa jew daqqiet fuq dahru, ma setax jiċċaqlaq. Fil-fatt, jirriżulta illi huwa seta' jdur u jara x'kien qed iseħħ warajh – u ra l-ħadida f'idejn il-mara ta' Marlon Mifsud - biss wara li qala' d-daqqa bil-ħadida, wara li Bernice Pizzuto ħatfet il-ħadida minn idejn l-imputata, u uq kollox meta laħqu waslu fuq il-post l-istess Chantal Mifsud u żewġha li ferrqu l-ġlieda u seta' jillibera ruħu mis-sikkatura tal-imputat.

Il-Qorti wkoll temmen lil Bernice Pizzuto meta xehdet illi hekk kif rat lill-imputata Carmen Spiteri tagħti lil Richard Ghirxi bil-ħadida, hija ħatfitha minn idejha biex ma tkomplix tagħtih biha. Prova li hija sorretta ulterjorment minn Chantal Mifsud u Marlon Mifsud li xehdu illi meta waslu fuq il-post biex jipprovaw iferrqu lill-persuni li kienu qed jiġġieldu, raw ħadida f'idejn Bernice Pizzuto li dehret li kienet ser tagħti biha lill-mara li kienet quddiemha (din ir-riferenza l-Qorti fehmet hija għall-imputata Carmen Spiteri). Huwa stabbilit ukoll mill-ġabra tal-provi, u x-xhieda okulari lkoll huma konkordi dwar il-fatt illi din il-ħadida mbagħad spiċċat f'idejn Chantal Mifsud

meta ħatfitha minn idejn Bernice Pizzuto u tatha lit-tifla tagħha stess biex tneħħiha minn fuq il-post.

Mill-kumpless tal-evidenza li għandha quddiemha, il-Qorti ma għandha ebda dubju li l-fatti marbutin mal-użu tal-kanna tal-ħadid żvolġew kif tabilħaqq xehdet Bernice Pizzuto, ċioe' li din inġiebet mill-imputat Carmen Spiteri li użatha biex tagħti biha fuq dahar il-parti offiża meta kien qed jinżamm wiċċu 'l isfel, u wara li rnexxielha tneħħiha mill-pussess tal-imputata, din inħatfitilha minn idejha minn Chantal Mifsud u l-ħadida tneħħiet minn fuq il-post.

Għalkemm hu evidenti li Marlon Mifsud u Chantal Misud jipprovaw ipenġu xenarju fejn Bernice Pizzuto setgħet taggredixxi lill-imputata Carmen Spiteri b'din il-ħadida, imkien ma ġie allegat li Carmen Spiteri u Bernice Pizzuto kienu qed jiġġieldu bejniethom jew f'xi waqt ġew fl-idejn u din ix-xhieda ma teskludix u ma tnaqqas xejn mill-konvinċiment tal-Qorti dwar il-veraċita' tal-verżjoni ta' l-istess Bernice Pizzuto. Marlon Mifsud u martu xehdu dwar ix-xena li sabu quddiem għajnejhom hekk kif ħarġu mill-kamra tagħhom u laħqu l-ġlieda, fejn raw biss lil Bernice Pizzuto bil-ħadida mtella' f'idejha, filwaqt li ma ġie allegat minn ebda wieħed mill-ko-imputati li xi ħadd minnhom qala' daqqa ta' ħadida. Mhux qed jiġi allegat u f'kull każ huwa assurd it-teżi li d-daqqa li Richard Ghirxi xehed li qala' f'dahru, setgħet tathielu martu stess bil-ħadida. Għall-Qorti, huwa wkoll ovvju illi f'dan l-istadju, meta l-konjuġi Mifsud xehdu li osservaw il-ħadida f'idejn Bernice Pizzuto, illi l-parti offiża kien diġa' qala' d-daqqiet bil-ħadida u dan mingħand persuna li ma setgħetx ħlief kienet ħlief l-imputata Carmen Spiteri li stqarret hi stess waqt l-interrogazzjoni tagħha, illi fil-ħin tal-argoment kien hemm biss hi u żewġha, u Richard Ghirxi u martu[7]. Il-Qorti tosserva illi Bernice Pizzuto xehdet illi hekk kif irnexxielha tieħu l-ħadida mingħand l-imputata Carmen Mifsud, indaħlet il-mara ta' Marlon li ħaditilha l-ħadida minn idejha u qaltilha "*x'ser tagħmel biha imbierka?*". Tosserva wkoll illi l-verżjoni ta' Bernice Pizzuto li kienet wieġbet lil Chantal Mifsud li kienet ħaditha minn idejn Carmen Spiteri għaliex bdiet tagħti lil Richard biha, ma ġietx miċħuda bl-ebda mod.

---

[7] Ara stqarrija Dok. GS19, f'paġna 153.

Għaldaqstant, sejra tagħti affidament pjen lix-xhieda ta' Bernice Pizzuto bħala rakkont veritier tal-fatti kif tassew seħħew in kwantu għall-involviment tal-imputata Carmen Spiteri fil-ġlieda bejn żewġha u Richard Ghirxi, fejn tat daqqa jew daqqiet ta' ħadida fuq dahar l-istess parti offiża u dan minn warajh waqt li huwa kien qed jinżamm mill-imputat Anthony Spiteri f'headlock u ma setax jiċċaqlaq.

F'dan il-kwadru ta' fatti, m'huwiex attendibbli jew realistiku l-ipotesi li meta l-imputata Carmen Spiteri tat bil-ħadida fuq dahar il-parti offiża, kienet qed taġixxi għad-difiża leġittima ta' żewġha, wisq inqas meta żewġha kien qiegħed dak il-ħin stess, jagħtih bil-ponn.

Din id-difiża hija maħsuba fl-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali :-

*Ma hemmx reat meta l-omiċidju jew l-offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-liġi jew mill-awtorità leġittima, jew meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.*

Fi kliem sempliċi, din id-difiża tiġi ravviżata meta persuna tkun sabet ruħha wiċċ imb'wiċ ma' aggressjoni li hija inġusta u ma tkunx tista' raġjonevolment tirrikorri għal mezzi oħra biex taħrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex iħarisha mill-periklu u għalhekk tispiċċa kostretta tuża mezzi hija stess biex thares lilha innifisha jew lil ħaddieħor minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli, fejn ir-rejazzjoni trid tkun ukoll waħda proporzjonata għall-minaccja/aggressjoni.

Dawn it-tliet elementi ġew spjegati b'mod mill-iktar elokwenti fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[8]:-

[8] Qorti tal-Appell [Superjuri] 3 ta' Ottubru 2018. Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Joseph Psaila**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali 20 ta' Jannar, 1995.

"*Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk* [javveraw] *ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor.* "

Mill-provi ma jirriżultax illi l-imputat Anthony Spiteri kien jinsab f'perikolu gravi u inevitabbli għas-sigurta' personali tiegħu meta martu bdiet tagħti lil Richard Ghirxi fuq dahru bil-ħadida. Għall-kuntrarju, il-provi juru li Richard Ghirxi kien rasu 'l isfel u ma setax jiċċaqlaq, tant illi meta ħass li qed jaqla' d-daqqiet fuq dahru ma setax idur biex jara minn fejn kienu ġejjin. Dan ifisser ukoll illi l-aġir tal-imputata fiċ-ċirkostanzi ma tistax titqies li kienet proporzjonata għall-perikolu li kien qed jaffaċċja żewġha u f'kull każ, anke jekk kellu jiġi aċċettat għal mument illi l-irġiel dak il-ħin kienu qed jagħtu lil xulxin u Richard Ghirxi ma kienx qed jinżamm minn rasu, il-perikolu lil żewġha ma jistax jitqies li kien wieħed assolut. Fuq kollox, ma hemm xejn fil-provi u x-xhieda li jixħet xi dawl fuq dak li kienet qiegħada tħoss soġġettivament l-imputata Carmen Spiteri meta ddeċidiet li ġġib il-ħadida minn wara l-bieb tal-kamra u bdiet tagħti biha lill-parti offiża u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti mhijiex konvinta lanqas sal-grad tal-probabbli li hija aġixxiet b'dan il-mod għaliex beżgħet għall-inkolumita' ta' żewġha u mhux għaliex riedet tgħinu biex isawwat lill-parti offiża.

**Offiżi fuq wiċċ il-Parti Offiżi**

Illi kif diġa' hu stabbilit, l-imputat Anthony Spiteri u l-parti offiża Richard Ghirxi, iġġieldu bejniethom u dan minħabba l-allegazzjonijiet li Richard Ghirxi kien qed jitfa' ilma maħmuġ barra fit-triq. Mhux kontestat illi l-imputat kien qed jakkuża lill-parti offiża li kien ħammeġ il-proprjeta' tiegħu u hu stabbilit mix-xhieda illi ż-żewġ irġiel kienu qed jgħajtu, jitgħajru u joffendu lil xulxin. Il-parti offiza u Bernice Pizzuto t-tnejn xehdu illi Anthony Spiteri kien allega li kellu ritratti ta' dan l-allegat tiċpis u jaqblu wkoll hekk kif l-parti offiża reġa' mar ħdejn l-imputat biex ikellmu wiċċ imb'wiċċ u biex juruh dawn ir-ritratti, qala' daqqa ta' ħarta mingħand Carmen Spiteri. Il-Qorti fehmet illi kien hawnhekk li ż-żewġ irġiel bdew jilletikaw, u dan billi l-imputat Anthony Spiteri imbotta lil Richard Ghirxi lura – kif ġie del resto minnu ammess fil-verżjoni li rrilaxxa *a tempor vergine* lil PS 1462 Joseph Attard, u kif xehdet ukoll b'mod speċifiku Bernice Pizzuto – u mbagħad ġew fl-idejn.

F'dan il-kwadru tal-fatti, il-Qorti anke hawnhekk ma taqbilx li huma riskontrabbli l-elementi meħtieġa għall-eċċezzjoni tal-leġittima difiża kif ġie mqanqal mid-difiża fit-trattazzjoni.

Għalkemm huwa minnu li l-imputat Anthony Spiteri xehed illi Richard Ghirxi kien qasam it-triq biex jiġi wiċċ imb'wiċċ miegħu, xejjer kazzola f'wiċċu u stiednu għall-ġlied, mhux biss ma jiffigurax l-elementi tal-aggressjoni inġusta u gravi u perikolu attwali u inevitabbli, li jrid jiġi ppruvat li l-imputat kien rinfaċċjat bihom, talli l-Qorti mhi xejn konvinta bil-veraċita' ta' din il-verżjoni li m'hijiex sorretta mill-preponderanza tal-provi.

Ibda biex huwa ppruvat sodisfaċjentement mill-kumpless tal-provi u x-xhieda illi kien l-imputat Anthony Spiteri nnifsu li beda jgħajjat u jgħajjar lill-parti offiża, u dan għaliex beda jallega li l-parti offiża kien battal it-tajn fit-triq u kien qed iħammeġ il-proprjeta' tiegħu, kif ġie mistqarr minnu stess fil-verżjoni li ta lil PS 1462 Joseph

Attard meta mar fuq il-post biex jinvestiga r-rapport. Minn dan il-Qorti fehmet illi l-imputat Anthony Spiteri kien frustrat u rrabjat bit-tajn u kolla li kienu allegatament qed jintremew fit-triq, liema frustrazzjoni tnissel inferenza ta' fatt illi kien hu li ħoloq ambjent ostili b'tgħajjir u insulti - fejn sfida wkoll lill-parti offiża bil-fatt illi kellu ritratti tal-ħmieġ fil-proprjeta' tiegħu - u mhux bil-kontra. Għall-Qorti dan kollu magħdud ifisser illi mhux raġjonevoli u lanqas ippruvat sal-grad tal-probabbli l-ipotesi li kien il-parti offiża li ħebb għall-imputat jew li l-imputat kien rinfaċċjat b'xi att ta' aggressjoni gravi li qanqal biża' raġjonevoli għas-sigurta' personali tal-imputat, wisq inqas meta jiġi kkunsidrat ukoll illi waqt li l-irġiel kienu qed jargomentaw, Richard Ghirxi nnifsu qala' daqqa ta' ħarta mingħand l-imputata Carmen Spiteri sempliċement għaliex kien sfidahom biex juruh ir-ritratti tal-ħmieġ mal-faċċata – verżjoni li ma ġietx kontradetta.

Fir-rigward ġie ritenut li:-

"*Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta` personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidħol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu.*"[9]

Il-Qorti ma riskontrat ebda raġuni l-għala l-parti offiża kellu jħebb għall-imputati meta l-evidenza turi illi kienu l-imputati li kienu rrabjati għall-parti offiża u mdejqin bl-aġir tiegħu - mhux bil-kontra. Barra dan il-fatt illi l-imputata Carmen Spiteri ukoll kienet qed tgħajjat u tgħajjar lill-parti offiża u ma jirriżultax li huwa kien indirizzaha u lanqas li kien irrejaġixxa b'xi mod fil-konfront tagħha in segwitu għall-aggressjoni manifestata minnha.

[9] **Il-Pulizija v. Jonathan Camilleri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Ottubru 2020.

L-eċċezzjoni li Anthony Spiteri aġixxa għal-leġittima difiża tiegħu tkompli tiġi newtralizzata ulterjorment bil-fatt illi fil-verżjoni li kien irrilaxxa lill-Pulizija li marru fuq il-post biex jinvestigaw ir-rapport, l-imputat Anthony Spiteri stqarr li Richard Ghirxi "*ipprovokah għall-ġlied*". Allegazzjoni li madanakollu, ukoll m'hijiex konfortata mill-fatti li joħorġu mill-provi, għaliex dawn juru illi kien l-imputat innifsu li kien beda jgħajjat u joffendi lil Richard Ghirxi minħabba l-allegat ħmieġ, u mhux bil-kontra. Tant hu hekk li fil-verżjoni ta' Anthony Spiteri fir-rapport tal-okkorrenza, l-imputat ma għamel ebda aċċenn għall-fatt li Richard Ghirxi kien qed jgħajjru u joffendih, u dan jikkozza mal-verżjoni fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti. Min-naħa l-oħra, ix-xhieda tal-parti offiża hija konsistenti u pjenament kompatibbli mal-verżjoni rilaxxata minnu *a tempor vergine* fejn spjega dak li ġara f'dan l-inċident bl-irqaqat kollha tiegħu.

Illi in kwantu għall-ġlieda li segwiet bejn Richard Ghirxi u l-imputat Anthony Spiteri, Richard Ghirxi xehed illi filwaqt li Anthony Spiteri beda jissikkah u jżommu, hu beda jipprova jillibera ruħu minnu, iżda l-imputat beda jagħtih bil-ponn f'rasu u beda jsabbtu 'l hawn u 'l hemm. Hawnhekk, huwa ħabat rasu ma' kolonna tal-briks u waqt li kienu maqbudin f'din it-taqtigħa, qala' daqqa fuq dahru b'ħadida liema daqqa, kif diġa' ġie stabbilit, tathielu l-imputata Carmen Spiteri. Dan kollu hu affermat minn Bernice Pizzuto u din il-verżjoni li xehdu dwarha, apparti li hija kompatibbli bis-sħiħ mal-verżjoni li Richard Ghirxi kien irrilaxxa lil PS 1462 Joseph Attard fuq il-post biss ftit tal-ħin wara l-inċident, ma ġietx kontradetta jew miċħuda bis-serjeta', speċifikatament safejn għandu x'jaqsam id-daqqa ta' ħarta li qala' mingħand l-imputata Carmen Spiteri, kif ukoll l-allegazzjoni li Richard Ghirxi qala' daqqiet f'wiċċu mingħand l-imputat Anthony Spiteri.

Minn dan kollu l-Qorti ma ssib l-ebda diffikolta' biex tikkonkludi, u hija tassew moralment konvinta, illi l-imputat Anthony Spiteri volontarjament daħal fi ġlieda mal-parti offiża u aggredih, u l-ġrieħi li jirriżulta li ġew sofferti minn Richard Ghirxi fuq moħħu, ġarrabhom sewwasew fit-taqtigħa ma' Anthony Spiteri u li kien l-istess imputat li kkaġunalu dawn l-offiżi b'mod volontarju waqt l-istess taqbida.

Illi wara li qieset ir-riżultanzi tal-provi proċesswali, il-Qorti tqis li għandha tagħti affidabbilita' mhux lill-verżjoni tal-imputat Anthony Spiteri li ma setax jiftakar sew jekk kienx ta daqqiet lil Richard Ghirxi iżda ftakar l-irqaqat kollha l-oħra tal-inċident, iżda lill-verżjoni tal-parti offiża u ta' Bernice Pizzuto dwar kif żvolġa dan l-istess inċident u x'wassal biex l-istess parti offiża jispiċċa jġarrab l-offiżi riskontrati minn Dr. Jekaterija Juskevic. Skont din il-verżjoni, Richard Ghirxi ġie aggredit mill-imputat li wara sensiela ta' għajjat u insulti skambjati bejniethom, imbottah u tah daqqa ta' ponn f'wiċċu u ħabbtu 'l hawn u 'l hemm fit-taqbida li kkonsegwiet, fejn spiċċa wkoll ħabbat moħħu ma' kolonna tal-briks. Fil-fehma tagħha, il-verżjoni tal-parti offiża kienet waħda konsistenti mill-bidu sal-aħħar fl-aspetti kollha tagħha, ikkorroborata bis-sħiħ mix-xhieda ta' Bernice Pizzuto u mhux kontradetta b'mod effettiv b'xhieda jew provi kuntrarji. Inoltre, il-kredibbilita' tagħhom ma ġietx imnaqqxa bl-ebda mod, lanqas bix-xhieda ta' Marlon Mifsud u Chantal Mifsud li kif rajna, xehdu li ma laħqux il-ġlieda mill-bidu. Ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li jikkontradixxi l-verżjoni dwar kif il-parti offiża qala' d-daqqiet fuq moħħu u fuq daharu f'xi partikolarita' materjali, u m'hemm xejn lanqas li tinstawra xi dubju f'moħħ il-Qorti dwar il-veraċita' ta' din il-verżjoni. Fuq kollox, kif rajna, l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi illi x-xhieda ta' xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi.

Għaldaqstant, il-Qorti tirravviża fil-provi tal-Prosekuzzjoni dik is-suffiċjenza probatorja li twassalha biex tkun sikura dwar il-ħtija tal-imputat Anthony Spiteri għall-offiżi subiti minn Richard Ghirxi f'wiċċu.

Illi konsegwentement, l-imputati entrambi sejrin jinsabu ħatja li volontarjament ikkaġunaw offiżi fuq il-persuna ta' Richard Ghirxi.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss għalhekk li jiġi stabbilit in-natura tal-offiżi mġarrba minn Richard Ghirxi: jekk humiex ta' natura gravi jew sempliċement ħafifa.

L-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-artikolu 216 tal-Kap. 9.

Jingħad illi l-prinċipji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' ġrieħi għall-fini ta' proċeduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament ġuridiku taghna, fejn jinsab ritenut paċifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[10]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deċiża fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment*

[10] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

*tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Għaldaqstant, jeħtieġ illi jiġi stabbilit jekk l-offiżi subiti f'wiċċ u fid-dahar tal-parti offiża humiex ta' natura gravi kif imfisser fl-artikolu 216 tal-Kap. 9 jew ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9.

Minn eżami tal-provi proċesswali, il-Qorti fehmet illi l-offiżi subiti minn Richard Ghirxi f'wiċċu jistgħu possibbilment jirrientraw fit-tifsira taħt il-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, bħala offiża li "*ġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż."*

Ġie ritenut:-

"*Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza tħalli mankament jew sfregju, f'dan il-kaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward. ... il-liġi ma tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*"[11]

In kwantu għal "*mankament*" fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż, jinsab ritenut illi dan, b'mod ġenerali, jiġi riskontrat meta jkun hemm deterjorament tal-aspett tal-wiċċ, l-għonq jew f'waħda mill-idejn[12]. L-isfreġju mbagħad, diversament minn mankament, hija kull ħsara li tkerrah id-dehra tal-wiċċ, l-idejn jew l-għonq tal-vittma. Skont l-insenjament paċifiku in materja, biex l-offiża titqies bħala

[11] Appell Kriminali : **Il-Pulizija v. Luke Sciberras**, deċiż 28 ta' Mejju 2018.
[12] Ara **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, Appell Kriminali deċiż 12 ta' Settembru 1996.

sfreġju, din trid tkun viżibbli "*minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*"[13] iżda mhux rikjest li din il-ħsara tkun gravi jew permanenti iżda biss li tibqa' hekk viżibbli għal xi żmien stabbilit. Il-gravita' u l-permanenza huma ingredjenti essenzjali tal-offiża gravissima taħt l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 iżda mhux tal-offiża gravi taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. Kemm hu hekk, il-liġi ma tikkwalifikax l-isfreġju, biex jiffigura bħala sfreġju għall-fini tal-imsemmi artikolu 216(1)(b), bħala taħsir tad-dehra li jkun gravi jew bħala ferita li teħtieġ il-punti jew li jinvolvi ksur jew frattura ta' xi għadma. Il-liġi trid illi l-offiża li timmanifesta ruħha f'peġġorament viżibbli – ossia sfreġju - tal-wiċċ jew il-partijiet l-oħra tal-ġisem imsemmija fil-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9, titqies bħala offiża ta' natura gravi. Għalhekk kollox jiddependi mill-pożizzjoni tal-ħsara u l-fatt li din hija viżibbli: mhux importanti x'tissejjaħ il-ħsara f'termini mediċi jew popolari għaliex dak li hu importanti hu li l-ħsara li tkun ġiet imġarrba tirrientra fit-tifsira ta' "sfreġju".

Dr Jekaterina Juskevic fix-xhieda tagħha ddeskriviet il-feriti li riskontrat fuq moħħ il-parti offiża biss ftit sigħat wara l-inċident, bħala "*a forehead superficial cut*" u "*a slightly open wound*" fejn il-ġilda kienet miftuħa. Iddeskriviet il-ferita wkoll bħala laċerazzjoni u għalkemm ma kienx hemm bżonn li tingħalaq b'suturi, ikkonfermat li din setgħet tħalli marka. Dan madankollu ġie eskluż minn Richard Ghirxi nnifsu li fix-xhieda tiegħu ikkonferma illi l-ferita ma baqgħetx tidher. Dr. Jekaterina Juskevic ikkonfermat illi hija kklassifikat il-feriti bħala ta' natura gravi minħabba l-offiża fuq il-wiċċ, u mhux minħabba l-"*lower back superficial abrasions*".

Huwa minnu li l-Ispettur Godwin Scerri fix-xhieda tiegħu ikkonferma illi r-ritratti Dok. GS2 sa Dok. GS15 kienet ħadithom Bernice Pizzuto u l-istess Bernice Pizzuto fix-xhieda tagħha kkonfermat li kienet ħadet ritratti tat-tbenġil li kellu żewġha b'riżultat tas-swat li qala' fil-ġlieda. Iżda l-Ispettur Godwin Scerri esebixxa r-ritratti Dok. GS2 sa Dok. GS15 bħala ritratti li ġew mgħoddija lilu minn Richard Ghirxi u mhux minn Bernice Pizzuto u fuq kollox, dawn ir-ritratti qatt ma ntwerew lil Bernice

---

[13] **Il-Pulizija vs Emily Zarb** Appell Kriminali, deciz 15.2.58, Kollezz. XLII.iv.1245, 1248.

Pizzuto biex tikkonferma li huma r-ritratti li għamlet riferenza għalihom fix-xhieda tagħha u meta dawn ittieħdu. Lanqas Richard Ghirxi fix-xhieda tiegħu ma afferma pożittivament li r-ritratti Dok. GS2 sa Dok. GS15 huma tassew ir-ritratti li ħaditlu martu u li kien għaddihom lill-Ispettur Godwin Scerri. F'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti ma għandhiex quddiemha prova dwar meta dawn ir-ritratti ttieħdu u lanqas identifikazzjoni tal-parti tal-ġisem fejn jidher bosta mit-tbenġil muri f'uħud minn dawn ir-ritratti, minkejja li hu evidenti illi r-ritratti ttieħdu fi żminijiet differenti u mhux kollha f'daqqa[14]. Għaldaqstant, ma tistax tagħti valur probatorju sħiħ lir-ritratti Dok. GS2 sa Dok. GS15.

Iżda fi kwalsiasi każ, minn ħarsa lejn ir-ritratti Dok. GS2 u Dok. GS3 wieħed jista' faċilment jikkostata li s-selħa li tidher fuq moħħ il-parti offiża, hija kompatibbli mal-ferita li xehdet dwarha Dr. Jekaterina Juskevic li eżaminat lil Richard Ghirxi ftit sigħat biss wara l-inċident. L-istess ir-ritratti Dok. GS11 u Dok. GS12, li juru selħiet fil-parti tan-nofs u t'isfel ta' daharu.

Il-Qorti wara li rat illi hu stabbilit mill-provi, fosthom iċ-ċertifikat mediku f'paġna 37 tal-atti proċesswali u xhieda ta' Dr. Jekaterina Juskevic, illi Richard Ghirxi sofra laċerazzjoni (grif superfiċjali) f'moħħu, liema ferita kienet viżibbli minn distanza normali bejn żewġ persuni li jitkellmu ma' xulxin u dan kif jidher fir-ritratti u kif ġie wkoll kostatat minn Dr Jekaterina Juskevic, tqis illi l-offiża in diżamina tirrientra fid-definizzjoni ta' sfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9. **Dan għaliex hi xi ħaġa ovvja li l-ferita sarrfet f'imperfezzjoni fir-regolarita' tal-wiċċ u kerrhet id-dehra tal-wiċċ, minkejja l-fatt li setgħet kienet biss selħa, minkejja li kienet viżibbli jew ħalliet effetti biss għal ftit ġranet, u minkejja wkoll il-fatt illi kieku din l-offiża ġġarrbet fuq parti oħra tal-ġisem tal-vittma mhux imsemmija fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 din kienet tiffigura bħala offiża ta' natura ħafifa ai termini tal-artikolu 221 tal-Kap. 9**. Kif rajna, dak li jgħodd għall-isfreġju taħt l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 huwa t-tkerrih **anke temporanju** tad-dehra tal-wiċċ tal-vittma, basta li din tidher minn *talking distance*. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-offiżi

[14] Ara per eżempju Dok. GS11 u Dok. GS12.

riskontrati fuq il-wiċċ ta' Richard Ghirxi ħassru d-dehra ta' wiċċu anke jekk biss għal ftit ġranet, u konsegwentement, dawn jikkostitwixxu sfreġju fil-wiċċ taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9.

Kwantu mbagħad għall-offiżi superfiċjali fuq dahar il-parti offiża, liema feriti kif diġa' ġie stabbilit ġew ikkaġunati bid-daqqa tal-ħadida li qala' mingħand Carmen Spiteri, dawn evidentement jikkostitwixxu offiżi ta' natura ħafifa għaliex kienu biss superfiċjali konsistenti fi grif u għalhekk ma jirrientrawx fil-parametri ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 216 tal-Kap. 9.

Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli difensur tal-parti offiża waqt it-trattazzjoni, ma ġiex ippruvat kif imiss illi l-parti offiża kien prekluż milli jmur għax-xogħol għal tletin ġurnata jew iktar skont kif maħsub fil-paragrafu (e) tal-artikolu 216(1) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati ġew mixlija wkoll bir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Madankollu, kif sewwa ġie sottomess mid-difiża, l-azzjoni kriminali dwar dan ir-reat kontravvenzjonali hija preskritta bid-dekors ta' iktar minn tliet xhur a tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali. Minn eżami superfiċjali tal-atti jirriżulta illi filwaqt li l-inċident li dwaru l-imputati ġew mixlija bir-reat taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 seħħ fil-25 ta' Diċembru 2020, l-azzjoni kriminali ttieħdet biss fit-12 ta' Mejju 2022, kważi sentejn u nofs wara.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet qies tal-fedina penali mhux daqshekk netta tal-imputat Anthony Spiteri iżda tinnota li ż-żewġ reati li ġie kundannat dwarhom fil-

passat ma kienux reati vjolenti fuq il-persuna, iżda reati mhux relatati. Fil-qies ta' kollox u tenut kont taċ-ċirkostanzi li fihom ġie kommess ir-reat, fejn il-partijiet huma ġirien fil-post tal-villeġġjatura tagħhom u l-Qorti fehmet illi jqattgħu perijodi twal matul is-sena f'din il-villeġġjatura, m'hijiex tal-fehma illi għandha teroga piena karċerarja fil-konfront tal-imputat Anthony Spiteri għall-offiżi ta' natura gravi li kkaġuna f'wiċċ il-parti offiża. Huwa minnu li l-offiża għandha tiġi klassifikata bħala sfreġju fil-wiċċ u kwindi bħala waħda ta' natura gravi li tirrientra fl-iskop tal-paragrafu (b) tal-artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, iżda ma jirriżultax li din il-ferita pperdurat għal xi żmien materjali, u ġie eskluż definittivament li ħalliet xi xorta ta' marka. Fuq kollox, din l-offiża ma ġietx meqjusa mill-parti offiża nnifsu bħala waħda materjali jew ta' xi portata: fil-fatt, huwa xehed illi l-offiża li ġarrab f'dahru bid-daqqa tal-ħadida kienet ferm iktar gravi mid-daqqa li kellu fuq wiċċu u waqt it-trattazzjoni finali, l-abbli avukat difensur qajla għamel riferenza għal din il-ferita superfiċjali.

Fil-kwadru ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti temmen li l-aħjar sanzjoni tkun waħda minn dawk maħsuba fl-Att dwar il-Probation (Kap. 446) għaliex wara kollox, iż-żewġ partijiet kienu qed jiġġieldu u kkaġunaw offiżi lil xulxin u għandu jinżamm ferm ukoll il-fatt illi l-imputat Anthony Spiteri tassew kien iffastidjat minħabba li kien konvint li l-parti offiża kien qed jarmi l-ħmieġ u tajn fit-triq u din il-problema jidher li kienet waħda rikorrenti u mhux ta' darba. Il-Qorti fehmet ukoll illi dan kien inċident iżolat u għalkemm kien hemm sfond ta' animosita' bejn iż-żewġ familji minħabba din il-problema u forsi wkoll kwistjonijiet oħrajn, u fil-qies ta' dan kollu u ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, tqis li l-imputat ma jimmeritax piena karċerarja iżda għandu jingħata ordni taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446.

Fir-rigward tal-imputata Carmen Spiteri, il-fatti juru li hija ndaħlet fil-ġlieda għal xejn b'xejn mingħajr ma ġiet ipprovokata bl-ebda mod u mingħajr ebda prova li tat bil-ħadida lil Richard Ghirxi biex tiddefendi lil żewġha u mhux biex tinfexx fih minħabba l-ħmieġ li allegatament kien qed jarmi fit-triq. Iżda mhux hekk biss, l-imputata tat lill-parti offiża mhux b'idejha iżda b'oġġett iebes ossia ħadida u dan minn warajh, fuq daharu, meta kien qed jiġi msawwat minn żewġha u ma setax jevitaha. Dan l-aġir

tagħha kien ħażin u viljakk u kompletament barra minn loku u jimmerita piena kif maħsub fis-subartikolu (1) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9 għaliex wara li qieset ix-xhieda ta' Richard Ghirxi, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-offiżi subiti f'dahru jistgħu jitqiesu sempliċement bħala offiżi ta' importanza żgħira fit-termini tas-subartikollu (3) tal-istess artikolu 221. Fil-fatt, Richard Ghirxi xehed fid-dettall dwar l-uġigħ li baqa' jħoss f'daharu fejn kellu jnaqqas mis-sigħat tax-xogħol billi jevita ċertu xogħol ta' tqandil u strapazz u ġieli jkollu jieħu mediċina għall-uġigħ. Minn dan huwa eskluż li l-effett tal-offiża f'daharu, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira.

Fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti trid tagħmilha ċar li kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna hija kundannabbli u ma tista' qatt titqies bħala sostitut aċċettabbli għall-komunikazzjoni u tolleranza, jew bħala soluzzjoni għall-problemi li inevitabbilment sejrin jiġu riskontrati ma' ġirien li dak li jkun irid jgħix fl-istess akkwati magħhom.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilliberah mit-tieni imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali għaliex l-azzjoni kriminali hija preskritta, wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil ANTHONY SPITERI ħati tal-ewwel imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta), tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti wissiet lil ANTHONY SPITERI bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Fir-rigward ta' CARMEN SPITERI, filwaqt li tilliberaha mit-tieni imputazzjoni dwar ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali għaliex l-azzjoni kriminali hija preskritta, wara li rat l-artikoli 11(1), 214, 215 u**

**221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibha ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannaha multa ta' ħames mitt Euro (€500).**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lil ANTHONY SPITERI u lil CARMEN SPITERI b'obbligazzjoni tagħhom infushom, biex ma jimmolestawx lil Richard Ghirxi u dan taħt penali ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**